**24 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvino Farrugia pr. et ne.

*versus*

Anthony Grech et ne.

*Il-persuna leġittima biex t'rrappreżenta f'ġudizzju soċjetà jew assoċjazzjoni permessa jew rikonoxxuta mill-liġi huwa l-kumitat tad-direzzjoni, ammenokkè fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, d k ir-rappreżentanza ma tkunx ġiet mogħtija lil xi persuna determinata.*

*Dan, però, japplika meta l-ġudizzju jkun jirrigwarda d-direzzjoni u l-amministrazzjoni tal-assoċjazzjoni, u apparti l-każ speċjali tal-leġittimazzjoni passiva fil-persuna tal-kaxxier konvenut għall-ħlas ta' debitu tal-assoċjazzjoni, meta ma jkunx irrenda l-kont u ma jkunx ġie kwittat. Għax meta l-istanza tkun intiża, direttament jew indirettament, għall-annullament jew xoljiment tal-assoċjazzjoni, allura leġittimi kontraddituri huma, mhux il-kumitat jew uffiċjali tiegħu, imma s-soċi kollha kemm huma; salv li ma jkunx hemm xi fattezzi speċjali fil-każ partikulari. U kwindi, jekk l-istanza tkun diretta għall-annullament jew xoljiment tal-assoċjazzjoni, l-istess għandha, bħala regola, tiġi proposta kontra l-assoċjati kollha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi, skond avviż in data l-ewwel ta' Awissu 1958, li ġie ċirkolat mal-membri tal-assoċjazzjoni fuq riferita bil-firma tas-segretarju tagħha, l-atturi u kull membru tal-istess assoċjazzjoni ġew awtorizzati jagħmlu offerti għall-kuntratt ta' trasport relattiv għall-iskejjel tal-Gvern; u illi, konformement mal-imsemmija direttiva, l-attur Salvino Farrugia għamel offerta u ha x-xogħol, u ħadmu mal-atturi l-oħra; u illi, b'ittra tal-10 ta' Novembru

1958, l-atturi ġew immultati mill-kumitat tal-assoċjazzjoni £10 għal kull "bus" u għal kull offiża kulljum għax ġie minnhom, infondatament, ritenut li l-atturi kienu kisru r-regolamenti; u illi dehrilhom lill-atturi li l-komminazzjoni tal-imsemmija multa kienet inġusta u konfliġġenti mad-direttiva kontenuta fl-imsemmi avviż u riedu jappellaw minnha għat-tenur tal-art. 33(iii) tal-istatut tas-soċjetà, u biex ikunu jistgħu jagħmlu hekk iddepożitaw preventivament l-import komplessiv tal-multa fis-somma ta' £280 kull wieħed; u illi fis-seduta ġenerali l-appell tagħhom ġie miċħud; u illi l-assoċjazzjoni hija nulla, in kwantu tirrestrinġi l-libertà tal-konkorrenza kontra l-interess publiku, u għalhekk vizzjata minn kawża illeċita, u speċjalment hija nulla kwalunkwe direttiva, u speċjalment dik mogħtija bl-avviż tal-ewwel ta' Awissu 1958, intiża biex tilħaq dan l-iskop; u illi l-ordni pretiż mogħti lill-atturi biex jagħtu x-xogħol tat-"tender" mal-Gvern lill-assoċjazzjoni hu null ukoll għaliex jeċċedi l-oġġett tal-assoċjazzjoni; u illi fis-seduta ġenerali tal-24 ta' Frar 1959 ġew emendati r-regolamenti tal-assoċjazzjoni, billi fl-art. 35 ġie stabbilit li ebda membru tal-istess assoċjazzjoni ma jista' jieħu l-assoċjazzjoni quddiem il-Qorti jekk mhux bl-awtorizzazzjoni ta' seduta ġenerali, u din l-emenda, li ma kienetx approvata mill-atturi, hija nulla, għaliex teċċedi l-oġġett tal-assoċjazzjoni u hi kuntrarja għall-interess publiku u leżiva tad-drittijiet tal-assoċjati; talbu illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu u jirrestitwixxu lilhom is-somma ta' £280 kull wieħed minnhom, li huma ddepożitaw kif intqal skond l-art. 33(iii) tal-istatut; u dan previja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti analogi, u previja speċjalment id-dikjarazzjoni tan-nullità tal-assoċjazzjoni u ta' kwalunkwe direttiva fuq imsemmija mogħtija mill-kumitat tal-istess assoċjazzjoni u tal-emenda tar-regolamenti għar-raġunijiet fuq indikati; u subordinatament, illi l-atturi ma kisru ebda direttiva leġittimament mogħtija, u għalhekk ma humiex passibbli ta' ebda penali jew multa. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Jannar 1960 li biha ddikjarat li l-konvenuti mhumiex persuni leġittimi

biex jikkontestaw il-preżenti ġudizzju, u kwindi ddeċidiet billi lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi l-persuna leġittima biex tirrappreżenta f'ġudizzju soċjetà tal-ġeneru ta' dik li ġiet konvenuta fil-preżenti ġudizzju hu l-kumitat ta' direzzjoni ta' dik is-soċjetà, ammenokkè fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, dik ir-rappreżentanza ma tkunx ġiet mogħtija lil xi persuna determinata. Għalhekk, fil-każ preżenti, peress li fl-istatut tas-soċjetà konvenuta r-rappreżentanza ġiet mogħtija lill-Viċi-President u lis-Segretarju tal-Kumitat, dawn huma l-persuni li jistgħu u għandhom jirrappreżentawha f'ġudizzju. Iżda, bħala prinċipju, dana biss għal dak li jirrigwarda d-direzzjoni u l-amministrazzjoni tas-soċjetà, billi l-kumitat direttiv jiġi stabbilit bl-iskop li jiddiriġi u jamministra s-soċjetà taħt ir-regolamenti stabbiliti, u mhux meta l-fini tal-azzjoni, direttament jew indirettament, ikun ix-xoljiment tas-soċjetà, jew, bħal fil-każ preżenti, id-dikjarazzjoni tal-ineżistenza jew tan-nullità tas-soċjetà. U jingħad "bħala prinċipju ġenerali", il-għaliex jista' jkun hemm fattezzi speċjali li juru li l-kumitat hu r-rappreżentant tas-soċjetà mhux biss f'każijiet ta' amministrazzjoni u direzzjoni; liema fattezzi, però, ma jirrikorrux fil-każ preżenti, fejn anzi r-regolamenti jgħidu espressament li l-kumitat għandu jiddiriġi l-assoċjazzjoni u jkompli l-"policy" tagħha skond ir-riżoluzzjonijiet li jkunu ġew mgħoddija fis-seduti ġenerali, u r-rappreżentanza ġiet mogħtija lill-persuni fuq indikati għall-atti ġudizzjarji notevolment li fihom jista' jkun jinsab il-kumitat, u kwindi dawk biss relattivi għad-direzzjoni u t-tkomplija tal-"policy" tal-assoċjazzjoni; u għalhekk hi applikabbli, fil-każ preżenti, in-norma ġenerali; u kwindi l-persuni fuq riferiti u l-membri komponenti l-kumitat mhumiex il-persuni leġittimi, imma huma, inveċe, l-assoċjati kollha, biex jikkontestaw id-domanda li għad-definizzjoni tagħha trid tiġi diskussa u deċiża l-eżistenza jew in-nullità tas-soċjetà fuq riferita;

Rat fol. 23 in-nota tal-appell tal-atturi, u fol. 24 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsem-

mija tiġi revokata, u li tiġi respinta l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna, u li l-kawża tiġi rinvijata quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza sabiex tiġi trattata u deċiża fil-meritu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-pont kontrovers hu dwar jekk il-kawża hijiex proposta malament, in kwantu li kien imissha saret kontra l-membri kollha ndividwali ta' din l-"association", u mhux kontra ż-żewġ uffiċjali ċitati; u dan peress li ċ-ċitazzjoni hija ntiża biex tannulla l-ftehim li kien sar bejn l-assoċjati;

Fil-fatt, id-domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni hi għar-restituzzjoni tad-depożitu li kienu għamlu l-atturi sabiex jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni punittiva li kienet ħadet l-assoċjazzjoni kontra tagħhom. Però għal dik id-domanda hemm premessi dikjarazzjonijiet, ċjoè (1) dik tan-nullità tal-assoċjazzjoni, (2) dik tan-nullità ta' kwalunkwe direttiva, partikolarment dik mogħtija bl-avviż tal-ewwel ta' Awissu 1958, intiża biex tilħaq skop illeċitu, dak ċjoè li tiġi ristretta l-libertà tal-konkorrenza (3) dik tan-nullità tal-emenda apportata għar-regolamenti fis-seduta ġenerali tal-24 ta' Frar 1959, (4) u dik li l-atturi ma kisrux ebda direttiva leġittimament mogħtija. Id-domanda tar-restituzzjoni tad-depożitu għandha, għalhekk, bħala bażi tagħha, dawn id-dikjarazzjonijiet;

Issa, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li almenu l-ewwel tnejn qegħdin jattakkaw il-bażi stess tal-assoċjazzjoni, u, kieku akkolti, iġibu għall-annjentament tagħha; għax jippostulaw li l-assoċjazzjoni hi "contra legem" in kwantu hi nformata minn kawża illeċita għax qegħdha tirrestrinġi l-libertà tal-konkorrenza;

Għalhekk, ġa madarba anki dawk iż-żewġ dikjarazzjonijiet huma posti għab-bażi tal-istanza kontenuta fid-domanda, per konsegwenza għandu jiġi eżaminat il-pont sollevat mill-konvenuti nomine dwar jekk, mhux huma nomine, imma l-assoċjati kollha kellhom jiġu konvenuti

bħala leġittimi kontradittturi fl-istanza, li, tħal ma hija din, twassal għall-annullament tal-assoċjazzjoni u l-likwidazzjoni tal-istat biha kreat;

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-ġurisprudenza dwar din il-materja ta' rappreżentanza ġudizzjali ta' assoċjazzjonijiet simili jidher li jista' jingħad dan li ġej. Apparti l-każ speċjali talleġittimazzjoni passiva fil-persuna tal-kaxxier konvenut għall-ħlas ta' debitu ta' assoċjazzjoni simili, meta ma jkunx irrenda l-kont u ma jkunx ġie kwittat (Vol. III, p. 641, u Vol. XIV, p. 370), ir-regola hi dik hekk enunċjata fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-Vol. XXVI-I-574:— " . . . . venne costantemente ritenuto da questi tribunali che qualunque corpo costituito o società che abbia un comitato o corpo di direzione non può essere rappresentato in giudizio, per ciò che si attiene all'interesse di tutto il corpo o della società, fuorchè dal comitato di direzione, a meno che non venga, o dallo statuto sociale, o da una deliberazione dei soci o del comitatato, demandata la rappresentanza giudiziale a uno o più determinati membri. Se un comitato di direzione non c'è, la rappresentenza spetta a tutti i soci, se non l'hanno delegata ad alcuno in particolare. La quale giurisprudenza trova il suo fondamento nell'argomento tratto dal disposto dell'art. 207 no. 1 del Codice di Rito, in cui si prescrive, tra altro, che la presentazione delle scritture si può fare, nel caso di società riconosciute o permesse dalla legge, dall'agente o incaricato di essa";

Il-lum, l-artikolu ċitat hu l-art. 180(1)(a) Kap. 15 Ediz. Riveduta, u l-kliem rilevanti huma, fit-test ingliż, "lawful association", u fit-test malti "soċjetà oħra kostitwita skond il-liġi". Dawn il-kliem, li qabel, fit-test taljan, kienu "quanlunque altra società riconosciuta o permessa dalla legge", għandhom sens ampju, bla ma jeħtieġ għallkostituzzjoni ta' soċjetajiet simili, ebda permess speċjali (Kollez. Vol. XVIII, p. 252). Ara anki, għall-prinċipju ġenerali fuq imsemmi, Vol. XXXII-II-306, u Vol. XXVIII-I-314, fost oħrajn;

Però, il-kwistjoni hi jekk dak il-prinċipju huwiex ukoll applikabbli meta si tratta ta' istanza li qegħdha tikkolpixxi l-eżistenza jew validità tal-assoċjazzjoni, u li għalhekk tista' ġġib għax-xoljiment tagħha;

Milli jidher, il-kwistjoni kienet inqalgħet fil-kawża "Garcin vs. Dr. Pasquale Mifsud et.", li fiha l-kontroversja kienet tirrispekkja l-kontinwazzjoni jew xoljiment ta' assoċjazzjoni; u l-Imħallef Dr. Paolo Vella, sedenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, kien ġie għall-konklużoni li, stante n-natura tal-kwistjoni (ara Kollez. Vol. VIII, p. 222, 2nda. colonna), kien imisshom ġew ċitati s-soċi kollha, ġie osservat li fdik il-kawża, għal xi raġuni jew oħra, ma kienx ġie prodott l-istatut tas-soċjetà (col. prim. p. 222). Interpost appell, din il-Qorti ddissentiet; imma hu essenzjali li jiġi notat li r-raġuni tad-dissens tagħha kienet filli d-domandi, "come sono espresse nella detta citazione" (prim. col. u. 224), kienu qieshom limitati għas-soċi proprjetarji, u mhux estiżi għas-soċi sempliċi;

Kwistjoni simili reġgħet inqalgħet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta allura mill-Imħallef Dr. Zaccaria Roncali, fil-kawża "Chetcuti et. vs. Baldacchino", deċiża fid-29 ta' Marzu 1898 (Vol. XVI-II-p. 226). Id-domanda kienet għax-xoljiment ta' assoċjazzjoni. Il-Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni tat-tliet uffiċjali konvenuti nomine, u lliberat "ab observantia", billi qalet:— "Attesochè, trattamdosi di domanda intesa allo scioglimento della società del casino suddetto, . . . . tutti gli associati al detto casino hanno interesse nella presente causa . . . . ";

Fis-sentenza jingħad li ma kienux applikabbli r-raġunijiet tal-kawża "Garcin vs. Dottor Mifsud" fuq ċitata; evidentement minħabba li f'dik il-kawża, kif ingħad, ittermini taċ-ċitazzjoni kienu ristretti għas-soċi proprjetarji biss, li kienu ġew debitament ċitati. Din il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Imħallef Dr. Roncali bis-sentenza tagħha tal-ewwel ta' Ġunju 1898;

L-istess kwistjoni ġiet dibattuta fil-kawża "Cauchi pr. et ne. vs. Bonello et ne.", Kollez. Vol. XXXII-I-172. Il-

Qorti tal-Ewwel Istanza, wara li ċċitat is-sentenza ta' din *il-Qorti "Chetcuti vs. Baldacchino" fuq ċitata*, *akkoljiet* l-eċċezzjoni tal-illeġittimità fuq ir-raġuni li t-talba kienet twassal għax-xoljiment tal-assoċjazzjoni, u għalhekk kien imisshom jiġu ċitati s-soċi kollha. Interpost appell, din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Frar 1945, ma qabletx mal- konklużjoni; iżda huwa mportanti li jiġi rilevat li din il-Qorti qablet fil-prinċipju, iżda rriteniet li fil-każ partikulari kien hemm ċirkustanti speċjali li kienu jirrendu l-uffiċjali konvenuti persuni leġittimi biex jikkontestaw dak il-ġudizzju. Difatti din il-Qorti, fil-konsiderandi tagħha (paġ. 176), qalet hekk:— "Illi s-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza li minnha hemm appell irritenew illi l-kumitat direttiv ma għandux ir-rappreżentanza ġudizzjali tal-każin meta *l-fini tal-azzjoni, diretta jew indiretta, ikun* ix-xoljiment tal-każin. Dan bħala prinċipju ġenerali hu veru għax il-kumitat direttiv jiġi magħżul "għad-direzzjoni tal-każin u għall-amministrazzjoni tiegħu." Mbgħad din il-Qorti rrilevat żewġ fattezzi speċjali: l-ewwel, li fir-regolamenti ta' dik l-assoċjazzjoni kien hemm li l-kumitat kien jirrappreżenta l-każin "f'kull każ", u qalet li, kieku dawn il-kliem ma ntqalux allura s-silenzju kien *jiġi nterpretat* "skond is-sentenzi fuq ċitati" (vwoldiri skond il-prinċipju ġenerali minnha aċċettat bħala veru); u t-tieni, għax f'dak il-każ partikulari kienet saret seduta ġenerali li fiha s-soċi kienu ddeċidew unanimement li jikkontestaw il-pretensjoni tal-attur anki quddiem il-Qorti, u minn din is-seduta ġenerali din il-Qorti argumentat il-konferiment ta' mandat speċjali lill-kumitat;

Minn dan li ngħad, għalhekk jidher li meta l-istanza, direttament jew indirettament, tkun intiża għall-annullament ossija xoljiment tal-assoċjazzjoni, allura leġittimi kontradittturi huma, mhux il-kumitat jew uffiċjali tiegħu, imma s-soċi kollha kemm huma. Jista' però ma jkunx hekk, meta jkun hemm xi fattezzi speċjali fil-każ partikulari;

Il-Qorti, għalhekk, tgħaddi issa biex teżamina ċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti;

Ir-regolamenti huma eżibiti bid-dok. "C" fol. 7. Il-

kumitat, fir-reg. 13, hu msejjaħ "Il-Kumitat Ġenerali tad-Direzzjoni". Fir-reg. 17 hu msejjaħ ukoll "Kumitat Ġenerali tal-Amministrazzjoni". Fir-reg. 20 jingħad:— "Il-kumitat jiddiriġi l-assoċjazzjoni u jkompli l-policy tagħha skond ir-riżoluzzjonijiet li jkunu ġew mgħoddija fis-seduti ġenerali". Fir-reg. 21 jingħad:— "Il-Viċi-President u s-Segretarju flimkien jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni fl-atti ġudizzjarji". Kif wieħed jista' jara, ma hemm xejn li jista' jingħad li qiegħed jallarga l-poteri tal-kumitat aktar il-hemm minn kumitat tad-direzzjoni. Ċjoè, ir-rappreżentanza delegata lill-kumitat qegħdha tippostula fir-regolamenti ċitati, mhux id-diskontinwazzjoni tas-soċjetà, imma anzi t-tmexxija tagħha; għax ma jistgħax jiġi dirett, jew jiġi amministrat, u ma tistgħax tiġi attwata "policy", ħlief ta' korp li qed jiġi attivat mhux ta' korp li qed jiġi annullat;

Dan iġib li l-mandat konferit lill-kumitat u liż-żewġ uffiċjali msemmijin fir-reg. 21 hu "impliciter" limitat għall-ipotesi li l-kwistjoni ma tkunx aktar l-hemm minn waħda li qegħdha tassumi l-eżistenza u l-kontinwazzjoni tas-soċjetà. Ma hemmx lanqas il-kliem "f'kull każ" rilevati minn din il-Qorti fil-kawża l-oħra fuq ċitata. Lanqas kien hemm xi seduta ġenerali li minnha jista' jiġi nferit il-konferiment ta' mandat aktar estiż. Hu veru li l-atturi għamlu appell fis-seduta ġenerali u l-appell tagħhom ġie miċħud (ara dikjarazzjoni tagħhom stess fol. 3 u fol. 3 tergo), imma minn daqshekk ma jistgħax jiġi deżunt ebda mandat aktar ampju; għaliex (1) dak l-appell, lunġi milli kien jattakka l-eżistenza tas-soċjetà, kien anzi qed jirrikonoxxiha, għaliex sar in bażi għar-reg. 33 (iii) tar-regolamenti, u hu inkompatibbli li wieħed josserva regolament ta' soċjetà li qiegħed jattakka bħala nulla, u (2) għaliex ma jirriżulta bl-ebda mod li s-soċi miġbura f'dik is-seduta kellhom quddiemhom il-kwistjoni sollevata issa formalment fiċ-ċitazzjoni mill-atturi, dik ċioè tan-nullità tal-assoċjazzjoni minħabba skop illeċitu. Anzi mill-kliem stess tal-att taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-appell magħmul mill-atturi kien bażat fuq li l-inflizzjoni tal-multi kienet konfliġġenti mal-avviż tal-ewwel ta' Awissu 1958, dok. "A" fol. 5 Infatti fiċ-ċitazzjoni jingħad "billi l-atturi dehrilhom li l-komminazzjo-

ni tal-imsemmija multa kienet inġusta u konfliġġenti mad-direttiva kontenuta fl-imsemmi avviż biex jappellaw minnha, ecc. ecc." Lanqas setgħu is-soċi jissupponu li min skond ir-regolamenti kien qiegħed jappella ruħu lilhom, konvokati in seduta ġenerali, fl-istess ħin kien qiegħed jirritjeni nulla l-assoċjazzjoni li minnhom kienet komposta, u għalhekk żgur ma setgħax ikollhom fi ħsiebhom li jagħtu mandat lill-uffiċjali tal-kumitat biex jirrappreżentawhom, mhux f'kawża kwalunkwe konċernenti l-assoċjazzjoni fl-andament tagħha, imma f'kawża fejn dik l-assoċjazzjoni kienet qegħdha tiġi sovvertita;

Għalhekk, fin-nuqqas ta' fattezzi speċjali qawwijin biżżejjed biex jiġi minnhom indott b'sikurezza mandat ieħor, aktar estiż, biex iż-żewġ konvenuti jirrappreżentaw is-soċi kollha f'kawża ntiża għax-xoljiment tal-assoċjazzjoni, għandu japplika l-prinċipju ġenerali li f'kawża simili huma nteressati s-soċi kollha. Per konsegwenza, il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija sewwa;

L-appellanti ċċitaw il-Chiovenda, "Diritto Processuale Civile", paġ. 583, para. 35. Iżda ma jidherx li dan l-awtur jista' jgħin l-assunt tagħhom; għaliex hu qed jagħmel konsiderazzjonijiet ta' indoli ġenerali, u dippjù kontroversi, kif jidher mill-kliem tiegħu paġ. 584:— "Vi è a questo riguardo, però, nella dottrina e nella pratica, un campo di gravi difficoltà e quistioni . . . . ." Barra minn hekk, dan l-awtur ma hux qed jikkontempla l-każ partikulari ta' kawża diretta għall-annullament tas-soċjetà, jew komunkwe għax-xoljiment tagħha, imma donnu qiegħed jikkontempla istanzi ġudizzjarji presupponenti s-soċjetà fil-kors tal-attività tagħha, kif jista' jidher mill-kliem "nei limiti segnati dalle esigenze dello scopo comune", minnu wżati paġ. 585. Ċert li x-xoljiment tas-soċjetà ma kienx skop komuni meta s-singoli komponenti għażlu "un presidente come organo della loro attività comune". Għalhekk ma jidherx li l-insenjamenti ta' dan l-awtur jistgħu jvarjaw ir-riflessi magħmula "supra";

Dan apparti r-rifless li l-preża ta' pożizzjoni tal-atturi ma tantx hi konċiljabbli; għaliex, jekk huma qegħdin jim-

punjaw l-eżistenza tas-soċjetà, allura anki l-elezzjoni tal-kumitat u d-deżinjazzjoni ta' uffiċjali b'ċerti fakoltajiet kienet nulla, u per konsegwenza, skond it-teżi tagħhom, iż-żewġ konvenuti nomine ma għandhomx ebda vesti legali biex jikkontestaw il-ġudizzju;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.